IT-TIELET KTIEB SETTEMBRU
TAR-RABA' SENA 1928

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Il-Kongress tal-Orjentalisti f'Oxford — Ġnien is-sultan (T.Z.) Il-Ġnien Botanku f'Malta (P.) — Is-semin u l-ilsien tagħhom (P. Serafin M. Zarb O.P.) — Annibale Preca (Alf. M. Galea) — Ferħa bla temma (T. Z.) — L-Imsida u tal-Pietà (Ġużê Gatt)—Għanja Maltija (Dr. C. Mifsud Bonnici) — Il-Mikrobi (R. Briffa B. Sc.) — Ġenn (Ġużè Bonnici) — Teftif (Sajdun)


MDLXV

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIELET KTIEB TA' L-1928

# IL-KUNGRESS TAL-ORJENTALISTI F'OXFORD

B'risq il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u tal-Imseħbin tagħna ħabtet wisq f'waqtha li flimkien mal-għażla tal-President ta' dina x-Xırka u mal-ħbar li kellna natu tiegħu f'dan il-għadd gietna li nħabbru u nitkellmu wkoll fuq ix-xogħol sabiħ tal-Kungress tal-Orjentalisti f'Oxford li għalaq fl-1 ta' dan ix-xahar, fejn b'riħet ir-Reverend C. L. Dessoulavy, Korrispondent tagħna f'Londra, il-Għaqda tagħna kienet ġiet mistiedna biex tieħu sehem.

Fuq Monsinjur Dun Karm Psaila, li huwa l-President il-ġdid tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, m'għandniex bżonn naħlu kliem u wisa' fil-ftit paġni ta' din ir-rivista. Ngħidu biss li l-għażla tiegħu, sew għax-xogħol tiegħu fil-Għaqda, sew bħala wieħed mill-aqwa Kittieba tal-Malti—ta' kitba li l-quddiem għad tingħażel bħala ġawhar mill-isbaħ ta' letteratura Maltija li s'issa dehret wara dik ta' Vassallo u ta' Muscat Azzopardi—ngħidu biss li l-għażla tiegħu, kienet mill-aħjar u l-iktar xierqa, wara t-telfa tal-ewwel President tagħna, li kien il-qatt minsi Ġużè Muscat Azzopardi.

Il-Kungress infetaħ fis-27 ta' Awissu li għadda u dam sejjer sitt ijiem sħaħ. Id-Delegat tagħna, ir-Reverend Dessoulavy, sab ruħu f'Oxford mill-ewwel ġurnata u l-Kumitat tal-Kungress tah, flimkien ma' xi Delegati oħra, li għal dawk il-ġranet joqgħod fi Queen's College. Inġabru mas-600 membru, fosthom 200 delegat, tista' tgħid minn kull rokna tad-dinja.—Id-delegati kienu nies li dehru għall-Universitajjiet, għaqdiet xjentifiċi tal-ilsna, arti u arkeoloġija orjentali u għall-bosta Gvernijiet. L-aħħar Kungress kien sar f'Atene fl-1911 u minn dak iż-żmien, dak ta' Oxford, imħabba l-gwerra l-kbira ma satax isir. Kien hemm x'jinqraw fuq il-160

karta, kollha fuq studji simitiċi—imqassminn f'9 sezzjonijiet, fosthom fuq l-Eġittu, fuq il-Lhudi, l-Aramajk u l-Bibbja, fuq is-Sanskrit, Ċiniż, Ġappuniż, fuq il-Għarbi u t-Tork u fuq l-arti orjentali. L-ewwel sezzjoni jew taqsima kienet imsemmija "Ġenerali"—u fiha nqraw dawk il-karti li ma setgħux jidħlu taħt is-sezzjonijiet magħżulin għalihom, — fosthom għalhekk tal-Malti. Il-karta fuq il-Malti kienet imniżżla li kellha tinqara fil-31 ta' Awissu, il-Ġimgħa, imma mħabba li kellu jsir xi tibdil fil-qari ta' karti ta' xi delegati li ma waslux fil-waqt jew li ma setgħux joqogħdu, il-karta tagħna nqrat fid-29, nhar il-Erbgħa fil-għodu f'waħda mis-swali tal-"*Examination schools*" tal-Università. Għalkemm ma kienx hemm mogħti iżjed minn 20 minuta żmien għall-qari ta' kull karta, bit-tħabrik tad-Delegat tagħna, u billi l-karta tagħna kienet imqassma f'żewġ materji, il-kumitat tawha 45 minuta żmien. Il-karta kienet titkellem, (kif mill-bqija konna għarrafna lillqarrejja minn qabel) fuq "*It-taħriġ tal-kitba Maltija mill-bidu sal-lum*" u fuq "*Ix-xebħ tal-Malti ma' Ilsna oħra semitiċi.*" Hija ħaġa ta' min isemmiha u li biha għandna biex nitgħaxxqu, illi sa mill-ewwel aħbarijiet li taw u li komplew jatu l-ġurnali Ingliżi fuq kull ma kellu jsir u sar f'dan il-Kungress, irrelazzjoni fuq l-Ilsien Malti mill-Kummissjoni tal-*Għaqda* ġiet dejjem imsemmija taħt titlu għalih, fost il-għadd ċkejken ta' relazzjonijiet oħra minn 140 waħda li nqraw. Bħalma dlonk jiġri, il-ġurnali ma tawx, bir-reqqa kollha, it-tagħrifa tal-aqwa argumenti li kien hemm miktub fiż-żewġ suġġetti tar-relazzjoni. Għalhekk għal min ma jafx, biex ma jitgħallatx, hawn taħt se' natu fil-qosor u fuq fuq tarf ta' kullma intqal fir-relazzjoni fuq il-Malti. Fost il-ġurnali li tħaddtu fuq il-Kungress u fuq il-karta li nqrat fuq il-Malti, insemmu it-*Times*, l-*Oxford Times*, l-*Oxford Chronicle* u d-*Daily Telegraph.* Minn fuqhom ġiebu xi aħbarijiet fuq il-Kungress il-gazzetti Ingliżi f'Malta, fosthom id-*Daily Malta Chronicle*, il-*Herald* u l-*Mid-Day News.* Minn dak li għarrafna bih id-Delegat tagħna, (li ma kenitx tgħaddi ġurnata fiż-żmien li kien Oxford minngħajr ma jibagħtilna bċejjeċ minn ġurnali Ingliżi fuq ix-xogħol tal-Kungress) aħna nistgħu ngħidu li,—għalkemm fost il-ħafna karti li kienu qegħdin jinqraw fl-istess ħin fi swali oħra, l-iktar li ġibdu nies fost il-għorrief tal-Ilsna Orjentali u l-iktar li qajmu interess u ġew imgħarblin b'mistoqsijiet kienu dawk fuq il-Għarbi,—ir-relazzjoni fuq il-Malti ġiet ukoll-mismugħa b'dehwa liema bħala minn bosta membri għalkemm ma sarux mistoqsijiet kbar. Fost dawk li tniffsu u qabżu jistaqsu jew jatu l-fehmiet tagħhom kien hemm Dr. Burkitt, Professur tat-Teoloġija f'Cambridge u mgħallem mill-kbar tal-Ilsien Għarbi

tas-Surija u tal-Mesopotamja, Dr. Cohen id-Delegat tal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Pariġi u Ben-Cheneb Professur tal-Letteratura Għarbija fl-Università tal-Alġier. Kien hemm ukoll tnejn mill-Masrin żgħażagħ, fosthom wieħed Bey, u Dr. Schacht, Professur żagħżugħ tal-Għarbi fl-Università ta' Freiburg im Breisgau, li ħadu l-akbar interess fuq l-Istorja u il-Kitba Maltija. Il-mistoqsijiet u t-tifsir li saru u ngħataw kienu fuq xi verbi mnisslin minn nomi għarbin u fuq xi għamliet ta' partiċipji preżenti meħudin mill-verb imnissel (*intensivo*) li ma tantx jaqblu ma'dawk tad-djaletti għarbin, fuq il-ktieb miktub bil-moresk (imsemmi minn Patri Magri bħala ktieb ta' l-ewwel kitba Maltija) li Thevet kien ra hawn Malta fl-1575 u l-iktar minn Ben-Cheneb, l-iktar wieħed li deher li resaq lejn il-qofol tal-kwistjoni kollha fuq il-Malti, mita dan fiehem illi xi kliem li jinsab fil-Malti u ma jinsabx fil-għarbi, lanqas f'dak tal-Alġerija, jaħseb li huma ta' qabel ma daħlu il-Għarab. Fost id-Delegati tal-Vatikan kien hemm ukoll wieħed mill-Maltin, il-lum magħruf bħala wieħed mill-aħjar Kittieba ta' poeżijiet Maltin, Patri Delia (Giżwita) li bħal issa jinsab Dublin.

L-iktar li ħadu sehem qawwi f'dan il-kungress bil-kotra ta' karti li nqraw kienu t-Tedeski u fost kullħadd huma kienu l-aħjar nies (fosthom Awstrjaċi, Daniżi u Olandiżi.) Urajhom l-Ingliżi u l-Amerikani. Dnub li ma kienx hemm minn tħaddet fuq il-Feniċ u fuq l-Etjopiku. It-taħditiet fuq l-arkeoloġija u oħrajn (imfissrin bil-lanterna) saru fil-għaxija f'Pitt-Rivers-Museum, fejn is-swali kienu dejjem mimlija bin-nies. Fid-29 ta' Awissu ingħata pranzu mill-Gvern lid-Delegati fis-sala ta' Christ Hall fejn Sir William Sinclair Marris tal-Kunsill tal-Indi, bħala President tal-mejda, fid-diskors li għamel, qal xi kliem li jgħodd għalina mhux ftit u dan hu: *illi l-istudji tal-ilsna orjentali huma ħwejjeġ ta' interess għal kullħadd. Il-fehma ta' kull minn jaħdem fihom hija waħda. Huma jaħdmu bejniethom bħal aħwa, u kull ma jsibu ifehmuh lil xulxin u jgħinu lil xulxin. Ir-rebħ ta' wieħed ma għandux ifaqqar lil dak ta' l-ieħor. Ix-xogħol tagħhom huwa internazzjonali fit-tifsira sewwa tal-kelma. U għaldaqshekk hija ħaġa li twaġġa' l-qalb u ta' min jagħdirha mita tara li dawk l-istudji, bħala xjenza, għandhom inisslu l-għira bejn studjuż u ieħor u li xi ħadd għandu jinqeda bihom biex ixewwex u inissel twegħir fil-fehmiet u s-sentimenti nazzjonali.*

Il-kungress għalaq b'laqgħa kbira fost id-Delegati li għaddew bosta risoluzzjonijiet sbieħ ta' fejda għall-istudji ta' l-ilsna

qodma li waslu biex imutu, tal-Indjan, tal-Indo-Arjan, tal-Għarbi u x-xogħol tal-arkeoloġija.

Qatgħu wkoll illi l-ewwel Kungress għandu jsir fl-Olanda fl-1931, fl-Università ta' Leyden.

## *ĠABRA FUQ FUQ TAR-RELAZZJONI MILL-KUMISSJONI FUQ L-ILSIEN MALTI*

(*Kungress Internazzjonali tal-Orjentalisti f'Oxford*)

(*Parti Storika*) A. CREMONA.

Il-Feniċi, il-Griegi, il-Lhud, is-Saraċini u — l-Argonizi-Sqallin f'Malta. Il-għamla u l-bixla fil-poplu, fin-nisel, fil-kitba, fid-drawwiet u tagħlim fi żmienhom. It-tagħlim tal-Latin fuq kull tagħlim ieħor fl-iskejjel minn l-aħħar żminijiet tal-medju-evu. Ilsien Malti l-ewwel ma ssemma minn Jean Quintin (1536) u minn André Thevet (1575). Studji li saru wara minn għorrief Tedeski (Megiser 1611. Majus 1718. Gesenius 1810) u minn Maltin (Abela 1647. Agius de Soldanis 1750. I. S. Mifsud 1764). M. A. Vassalli (Mylsen. 1791. Ktyb. 1796), l-ewwel wieħed li ipprova jikteb il-Malti skond ma titlob il-grammatka. Xkiel fl-istampa u fil-qari tat-tipi. Xkiel fit-tagħlim biex jitfissru bil-kitba dawk il-leħnijiet li għalihom ma hemmx ittri li jaqblu fil-Latin u għat-tfal li fl-istess ħin jeħtiġilhom jitgħallmu it-Taljan u l-Ingliż flimkien u li fihom infushom, ittri bħalma huma *c*, *ch*, *j*, u *g* ma jaqblux. Provi li ma rnexxewx biex il-Malti jinkiteb bl-ittri orjentali. Atlas Għarbi stampat f'Malta. Skejjel tal-Malti. John Hookham Frère (1824-25), Francis Vella 1824-43), Sir George Cornewall Lewis (1836), Geo. Percy Badger (1838), Schlienz (1838), Richard Taylor (1845). L-iktar taħbit li sar biex titħeff il-kitba ta' Vassalli. Il-bżonn li nħass li jinqdew b'tipi ta' ittri li mhumiex barranin għat-tagħlim tal-kitba Latina li kienet qagħdet u ilha timxi mal-500 sena. Cannòlo (1822), l-*Accademia Filologica Maltese* (1840), Panzavecchia (1845), Falzon (1845), G. A. Vassallo (1843-64), ix-Xirka Xemïa (1882), u Ġanni Vassallo (1901). Il-miżegħda tal-istampa Maltija (kotba u ġurnali), għadilli kien hemm u għad hemm ix-xkiel ta' bosta alfabetijiet. Użu uffiċċjali tal-Malti. L-alfabet il-ġdid u l-metodu tal-kumissjoni Maltija: it-*Tagħrif fuq il-kitba Maltija* (1924). Il-ġurnal tagħha: "*Il-Malti*".

(*Parti Kumparativa*) DR. P. P. SAYDON.

Il-għorrief il-barranin, imgħammxin mix-xebh bejn l-ilsien Malti u l-Għarbi, malajr laqqmu Għarbi l-lsien Malti, u qesuh

bħala fergħa żgħira minn dik is-siġra kbira ta' ilsna Għarbin, mifruxa max-xtajta kollha tal-Afrika ta' fuq, u fil-Palestina sal-Liebnu. Stumme (1904) igħid li hu ġej mis-Sorija b'xi taħlit mill-Afrika; O'Leary (1923) bil-maqlub jaħseb li hu ġej mill-Afrika b'xi taħlit mis-Sorija. Ma jaqbelx magħhom Sir William Wilcocks (1926) li jżomm li l-Malti għadu ġej mill-Feniċju ta' dari.

Dawn u għorrief oħra waqfu fil-qoxra u ma daħlux fil-qalba biex jaraw u jiflu bir-reqqa kollha s-sura u l-bixla tal-Malti. Għax hu xinhu, il-Malti għandu sura u bixla għalih. Tassew li l-biċċa l-kbira tal-kliem Malti nistgħu ngħidu li jaqbel mal-Għarbi,—mal-Għarbi tal-kotba u mhux ta' din jew ta' dik in-naħa, — iżda għandna wkoll nistqarru li l-Malti nieqes minn ħafna kliem li jinsab fid-djaletti kollha Għarbin, u li tisimgħu kulljum, kull ħin u kull waqt; tarġa' fil-Malti hemm qatgħa kliem, li jinsab fid-djaletti għarbin iżda jfisser ħaġa oħra. Mela l-Malti mhu mnissel mill-ebda djalett Għarbi.

Barra minn dan jinsab fil-Malti għadd kbir ta kliem jaqbel mal-Kangħani (1) u mhux dejjem jinsab fil-Għarbi. Nieħdu l-kelma *silek* li tfisser *ħeles* jew *nħeles*. Illum għoddha mietet, imma aktar minn elfejn sena ilu kienet għadha ħajja, bħalma tixhdilna l-ħaġra feniċja miktuba Għawdex xi 150 sena Qabel Kristu. Dil-kelma tinsab biss fl-Alġêr u fil-Marokk (2).

Fit-tiswir tal-kliem ukoll xi drabi l-Malti jaqbel mal-Kangħani u ma jaqbelx mal-Għarbi. Hekk fil-Malti l-ittri dgħajfin tal-gerżuma qatt ma jistgħu jkunu mtennijin, għal-hekk meta fit-tiswir tal-kelma, ikollhom ikunu mtennijin, itawwlu l-vokali ta' qabilhom, hekk minn *fehem* ngħidu *fiehem* (=*fâhem*) u mhux *fahhim* bħalma jiktbu u igħidu l-Għarab ta' kullimkien; hekk ukoll minn *nagħal* ngħidu *nâgħal* jew *niegħel* u mhux *nagħgħal*, bħall-Għarab. F'dil-ħaġa jaqbel il-Malti mal-Lhudi, u ma jaqbelx mal-Għarbi.

Il-vokali *tal-għajnuna*, jiġifieri, dawk il-vokali li jiżdiedu u jindehsu bejn żewġ konsonanti biex aktar iħeffu l-kelma fi kliem bħal dan *tiben* flok *tibn*, *qabar* flok *qabr*, *qodos* flok *qods* jaqblu mal-Lhudi ta' qabel żmien il-Massorin aktar milli jaqblu mal-Għarbi tal-lum. Fil-Għarbi tal-kotba dawn il-vokali mhumiex meħteġin.

(1) L-ilsna Kangħanin, jiġifieri, il-lhudi, il-feniċju, u l-lsien tal-Palestina qabel ma ħaduha l-lhud.

(2) Bencheneb (=Benxeneb), Professur tal-Għarbi fl-Alġêr, wara li nqrat din il-kitba f'Oxford, qal li fid-djalett għarbi ta' pajjiżu hemm ukoll ħafna kliem Sêmi, iżda mhux għarbi.

Fil-Grammâtka l-Malti jixbah lill-ilsna Kangħanin, fost ħwejjeġ oħra: fil-kelma *dan*, li fil-Għarbi hi *dâ;* fil-kelma *il* li xi drabi qiegħda flok *dan*, *din*, hekk *il-lejla = din il-lejla*, bil-lhudi *hallajla; is-sena = din is-sena*, bil-lhudi *haxxana;* fiż-żjieda *ût* fit-tiswir ta' xi kliem bħal *għajdût* ( = *għîdût*), bil-lhudi *għêdût*; iż-żjieda *ûn* fit-tiswir ta' xi kliem li jfisser ħaġa żgħira, hekk *qarnun(a) = qarn żgħir*; fl-ismijiet imżewwġin biex ifissru mhux biss żewġ ħwejjeġ, iżda ħafna wkoll, hekk *għajnejn = tnejn jew ħafna għajnejn*; fil-kelma *bejn* li xi drabi tieħu s-sura *bejniet*, hekk jngħidu *bejnna u bejnietna*. Jimxi għalih waħdu l-Malti meta igħid bla ebda għażla *int* (mara jew ragel) *dħalt*, *tidħol*, *idħol*; jaqbel xi ftit mas-Surjan li fil-kitba jagħżel bejn: (int raġel) *dħalt*, *idħol* u (int mara) *dħalt*, *idħol*, iżda fil-ħoss le.

Tassew li hawn il-Malti jaqbel xi ftit mal-Għarbi tal-Affrika ta' fuq, iżda għandna niftakru li hemm ukoll, bħal Malta, kienu jitkellmu bi lsien semi qabel ma daħlu l-Għarab.

Mela ma żammx fis-sewwa Nöldeke meta qal li l-Malti hu *Għarbi waħdu.*

Minn dan jidher li fil-Malti għad baqa' fdal ta' lsien jew djalett eqdem mill-Għarbi. Jekk natu daqqa ta' għajn lill-Istorja dlonk nintebħu li dak il-lsien jew djalett mhux ħaġa oħra ħlief il-Feniċju jew Puniku. Għalhekk ħadd ma jista' ilumna jekk ingħidu li x-xebh ta' bejn il-Malti, il-Kangħani u il-Għarbi għadu ġej mill-Malti ta' qabel l-Għarab, u mhux minn żmien il-Għarab.

Valletta, 15 ta' Settembru 1928.

# ĠNIEN IS-SULTAN

Barra minn dak li għedt fi Il-Malti fuq il-Belt (Valletta) hemm ħafna ftietaq oħra li, tista' tgħid, intilfu għal kollox u li fiż-żmien kienu f'ħalq kullħadd.

Barra l-bieb tax-xatt, kif toħroġ fuq il-lemin, hemm *Ġnien is-sultan.* X'baqa' minnu u min qatt daħal fih? Dak fi żmienu kien fih għaxqa u qabel ma tbiddel il-Bieb kien għadu fih x'tara. Is-sultan li ħaseb jagħmel ġnien hemm kien Laskri, (Jean Paul Lascaris Castellan. 1636-51). Kull ma hemm ma' dwar ix-xatt il-kbir xogħol Laskri. Hu ta ħajja lill-port. Taf li qablu ma kienx hemm fejn tersaq dgħajsa max-xatt? Blat aħrax u wieqaf minn taħt Sant'Jermu sa ġewwa nett. Laskri ried li l-port ikun suret in-nies. Beda biex jaqta' l-blat u jagħmel môl, biċċa xogħol tal-ħsieb li tât ir-ruħ lill-Belt. Fi żmien das-Sultan ix-xatt kien jasal sa taħt il-ġgant għax hemm il-blat kien jitla' wieqaf. Biex taqta' dak il-blat kollu l-anqas trid taħseb. Is-sultan biex jeħles ħafif u jinqeda taqqab mina li sal-lum tissejjaħ *mina Laskri.* Biċċa xogħol ta' raġel għax ix-xatt kiber lejn il-Marsa. Il-hemm mill-mina sar môl ukoll, m'hux sa ġewwa f'dawk is-snin, għax il-môl baqa' jinqata' u jinbena fi żmien is-slaten l-oħra. Pintu, mitt sena wara, daħal għal dax-xogħol mita bena l-imħażen tiegħu.

Nerġgħu għal Laskri li nefaq flus bil-bosta biex iwettaq u jsebbaħ il-Belt. Malli ntemm ix-xogħol tal-môl, is-sultan amar li taħt is-sur bejn il-bieb u l-mina isir ġnien biex fih jistgħu jitfarrġu l-Kavalieri għad-dell tas-siġar u għar-resħa tal-għajn li saret fin-nofs.

Li dal-ġnien kien il-għaxqa tal-Kavalieri nafuh minn kitba fuq ir-rħama kbira li ġiet imqiegħda f'wiċċ is-sur fl-1687 fi żmien is-sultan Caraffa. Dil-kitba tgħid: "Wara li s-sultan Laskri wettaq is-swar, xtieq li ssir xi ħaġa għat-tifriġ tal-poplu u għalhekk waqqaf, minn butu, dan il-ġnien u daħħal fih l-ilma ġieri. Hu fetaħ triq ġdida ġol-blat, bena u wassa' il-môl ma' tul ix-xatt. Il-Kavalieri ta' Gerusalemm, bil-ħsieb li tibqa' għal dejjem it-tifkira ta' dawn ix-xogħlijiet, riedu li titwaqqaf dil-kitba fl-1687."

Naħseb li dal-ġnien kien fih ħarsa fi żmien l-Ordni! Il-lum tħares mill-ħadid ta' barra tara kemm kien qiegħed sewwa għad-dell tas-sur, iħaddar bil-mijiet tas-siġar. imsoqqija bl-ilma ġieri u miftuħ għall-baħar; għax u la l-imħażen ta' ma dwaru u l-anqas dawk tan-naħa l-oħra tat-triq ma kienu nbnew.

Il-lum ibikkik, trab, siġar mitbiela, għorom tal-qasab, għax għad li l-Kavalieri kitbu mal-ħajt dak li kien għamel is-sultan, min ġie wara nesa jew ħasel idejh min-nefqa li wieħed kellu jżomm biex il-ġnien jibqa' jħaddar. Ma kienx ikun tajjeb li wieħed jarġa' jieħu ħsiebu dal-ġnien? In-nies fejn titfarraġ ftit baqgħilha l-lum, u mil l-aħdar u mid-dell mixtiqin wisq, jaħasra. Nittamaw li biż-żmien kollox jasal.

IĊ-ĊIMBLU. Quddiem *ġnien is-sultan*, hemm bejt ta' l-imħażen titla' għalih b'taraġ, igħidulu ċ-ċimblu. Dil-kelma *ċimblu* mnejn ġiet? Tixbah it-taljan *cembalo* li jfisser strument tad-daqq donnu pjanu jew tambur bil-ġlieġel. Tgħid il-għamla tiegħu xebbħuha dik ta' pjanu? Naħseb li l-pjanijiet ma kinux fl-idejn fi żmien l-Ordni, u l-poplu jxebbah dak li jara quddiemu sikwit. U min jaf dal-paġġatur kif kien sewwa fi żmien l-Ordni? Din ta' *ċimblu* ma ddoqqlix li ġejja minn tixbieha ta' l-istrument tad-daqq.

Għandi ħsieb ieħor f'moħħi; x'naf jekk iressaqniex aktar lejn is-sewwa?

Qabel xejn ma nbnew l-imħażen li semmejna, naħseb li hemm kien jati għal fuq il-blat fuq dik il-kalanka nitfa lil hawn mill-ġgant. F'dil-kalanka, jew daħla żgħira tal-baħar, kienu jirmiġġaw id-dgħajjes.

*Cimba* bit-taljan ta' dari kienet dgħajsa, u jekk *cimba* kienet tissejjaħ id-dgħajsa, *ċimbru* jew *ċimblu* setgħet issejjħet id-daħla fejn id-dgħajjes kienu jintrabtu.

Sa hawn kollox fl-ajru u rbit xejn! Qajla, issa norbtu.

Fi żmien is-sultan Wignacourt (1601-1622) saret il-għajn tal-ġgant, taħt il-gallarija ta' l-imħażen ta' fuq il-ġgant għad hemm miżieb tar-rħam b'kitba li tgħid:

QUID PROPIUS PARVA DUBITAS ACCEDERE *CYMBA*?
NON VULCANUS INEST HEIC GLOBUS UNA THETIS.

Bil-malti tfisser: Ja dgħajsa (cymba) la tibżâx tersaq lil hawn, dan ma fihx nar iżda ilma", iġifieri, dan mhux canun, miżieb.

Mela fl-1620 dil-kelma *cimba* għal dgħajsa kienet magħrufa f'dak il-post.

Oħra. Fl-1686 għamel baħar qawwi u qala' l-môl ta' taħt il-ġgant u kisser id-daħla tad-dgħajjes li għedna. Is-sultan Caraffa ordna li jissewwa u l-Ordni kiteb fuq irħama x'sar:

DOMINANTE EM. Fr. D. GREGORIO CARAFFA M.M.
TUTUM HOC *CYMBARUM* REFUGIUM
PROCELLIS RADICITUS EVULSUM
SACRA REL. HIER. ERIGENDUM CURAVIT
ANNO SALUTIS MDCLXXXVI.

*Cymbarum refugium* — hawn hu *ċ-ċimbru* ngħid jien. Jew in-nies għoġbithom dil-kelma *cymbarum* u baqgħet laqam tal-post, jew xi dgħajjes dak iż-żmien kienu la taljana isejħulhom *cimbi* ma nafux, imma kienet kif kienet *iċ-ċimblu* kien aktarx l-isem tad-daħla tal-baħar u mhux dak tal paġġatur ta' fuq l-imħażen. Nixtieq naf dil-ħaġa kif jifhmuha oħrajn.

NIX MANGIARI. Xi minn daqqiet l-isem ta' post jinbet anqas taf kif. Dak it-taraġ li max-xellug tal-bieb tax-xatt jinżel għal barriera l-qadima jgħidulu sal-lum ta' *nix mangiari*. Irrid naħseb li xi tallab intasab f'ras it-taraġ żmien ilu u biex juri l-faqar tiegħu lil xi baħri għarib li kien jinżel lejn il-barriera kien iraħħamlu *nix mangiari*— "għadni ma kiltx"—kelma latina, oħra taljana li kullħadd kien jifhem, għid il-lum u għid għada, il-poplu qabad il-kelma u żammha. Ħaġa ta' xejn u seħħet aktar minn kelma maqtugħa fir-rħam.

Min għandu ħamsin sena jiftakar lil *Mundu l-agħma* jitlob fl-amberżuna tal-Furjana fuq il-maniġġ. Fitt, leħnu tgergira waħda, wiċċu bil-ġidri, idu dejjem miftuħa tilqa'. Dak il-agħma kien l-aktar ħaġa li kienet tolqot hemm barra, u ismu kien ikun biż-żejjed biex ilaqqam fejn kien joqgħod. Barra Puturjal tbiddel bħal-lejl min-nhar, Mundu miet, il-lamberżuni twittew, il-maniġġ inbena. Min għadu jiftakar f'dawn l-intietef li għabu mas-snin li għaddew fuqhom? Hekk triqât, djar, irħula u bliet issemmew għal żmien, kullħadd widnejh mimlija bihom u nbagħad ismijiet oħra nħalqu u saltnu u nbagħad intsew għal kollox jew baqgħu f'ras xi ħadd li jarahom bħal ħolma il-bogħod, il-bogħod bħal ċċpar ta' fil-għaxija.

T. Z.

# IL-ĠNIEN BOTANKU F'MALTA

Il-Ġnien Botanku f'Malta kellu bidu fl-1675, sew fi żmien il-Gran Mastru Nikola Cottoner, li għamel l-Università f'pajjiżna, stabilixxa wkoll il-katedra tal-botanka, u ġie msejjaħ bħala professur it-Tabib Malti Ġużeppi Zammit (Dottor Josephus Zammit), li kien ukoll wieħed mill-kbarat ta' l-Ordni Ġerosolmitan. Dan l-ewwel ma ħaseb sabiex jagħmel ġnien ta' l-istudji, u dan il-ġnien ġie magħmul fil-fossat ta' Sant'

Elmu fejn il-pjanti kienu wisq ftit li b'kollox kien hemm xi 300. Dan il-ġnien dam sal-1740 fejn f'din is-sena miet il-Professur meta kellu 94 sena; fuq il-mewt tiegħu il-ġnien ġie imħolli u baqa' sakemm ġew l-Ingliżi, għaldaqshekk Sir Alexander Ball, l-ewwel gvernatur Ingliż, reġa' stabilixxa il-katedra tal-botanka u fl-1805 ġie msejjaħ bħala Professur il-Patri Tereżjan Giaċintu (P. F. Carolus Hyacinthus *Carmelita Excalciatus*). Dan waqqaf ġnien ieħor il-Furjana fejn il-lum tinsab l-Iscola tal-Gvern, u dan il-ġnien kien jinfed mad-dar tiegħu. P. Giacintu ħaseb biex ħawwel il-ġnien imsejjaħ il-Mall, u sebbħu b'bosta siġar. Fl-1806 ħareġ l-ewwel Katalogu tal-ġnien botanku li semmieh "*Index Plantarum Horti Botanici Melitensis*". Il-Professur Ġaċintu dam mill-1805 sal-1824, u wrajh laħaq l-alliev tiegħu it-Tabib AugustinusNaudi li dam mill-1824 sal-1829. Wara dan ġie maħtur Professur it-Tabib Stefano Zerafa, wieħed mill-aħjar Botaniċi li kellna. Zerafa fl-1855 ittrasporta l-ġnien botanku fil-ġnien tal-Balliju Argotti fejn jinsab il-lum, fejn bl-ordni tal-Gvernatur Sir William Reid intefqu dwar it-£800 għall-bżonnijiet tal-ġnien u tawh l-isem ta' "*Argotti Botanic Gardens*". Il-Professur fl-1831 ħareġ ix-xogħol sabiħ ħafna fuq il-Pjanti Maltin li semmieh "*Florae Melitensis Thesaurus*". Wara dan insibu li fl-1859 ġie maħtur Professur it-Tabib Malti, Grech Delicata. (Joannes Carolus Grech Delicata) li dan kien ġa stampa fl-1853 xogħol sabiħ tal-"*Florae Melitensis*". Wara G. Delicata fl-1880 ġie maħtur il-Prof. Gavino Gulia li kien wieħed mill-aħjar naturalisti ta' pajjiżna. Dan il-Professur irranġa mill-aħjar il-ġnien botanku billi ġieb bosta xtieli ġodda, u kiteb bosta kotba fuq il-Pjanti. Wara dan, fl-1890 ġie maħtur Professur ta' l-Istorja Naturali t-Tabib Francesco Debono, u dan irranġa il-ġnien u sebbħu mill-aħjar l-iżjed bil-passaġġi, kannezzati, u serra, Dam sal-1919 u wrajh sar għal ftit it-Tabib Enrico Meli li dam sal-1921. F'din is-sena ġie maħtur Professur ta' l-Istorja Naturali it-Tabib Giovanni Borg, li taħt id-direzzjoni tiegħu il-Ġnien Botanku miexi wisq il-quddiem l-iżjed fil-Pjanti Mediċinali, fil-pjanti Maltin, u fil-Kollezzjoni li qiegħda issir ta' Pjanti għall-Erbarju ta' l-Università.

Mela nispiċċaw billi ngħidu li l-Ġnien Botanku tagħna huwa wieħed mill-eqdem taħt l-Imperu Ingliż, billi barra minn dak ta' Oxford li gie magħmul fl-1632, u dak ta' Edinburgh li sar fl-1670, il-Ġnien Botanku ta' Malta huwa l-iżjed qadim fl-Imperu billi kellu bidu fl-1675.

P.

# IS-SEMIN
# U L-ILSIEN TAGĦHOM (1)

MINN LIEMA ART
ĦARĠU S-SEMIN.

Aħna rajna kemm ma' tul iż-żmenijiet xterdu s-semin u kemm artijiet ħadu taħt idejhom (2). Issa sabiex inkunu nistgħu naraw kif is-semin tnisslu minn xulxin, huwa meħtieġ li nfittxu qabel xejn liema hija l-ewwel art li fiha għammru s-semin, fejn dehru l-ewwel, minn fejn ħarġu.

L-isem "*semin*" ma jfissirx sewwa sew ir-razza. Is-semin huma biċċa mir-razza bajda, bħal ma huma l-arin. Għalhekk taħt l-isem ta' "*semin*" għandna nifhmu dawk in-nies li jitħaddtu b'wieħed minn dawk l-*ilsna* li huma magħrufin bħal ilsna semin u li minnhom għad nitħaddtu il quddiem. L-isem "*semin*" għaldaqshekk ma jfissirx ir-razza, imma, l-ilsien ta' dawn in-nies (3). L-ewwel wieħed li sejjaħ lil din il-għaqda ta' nies "*semin*" huwa Eichorn (4); u ħa dan l-isem mill-ktieb imqaddes tal-*Genesi*. Fl-irjus X u XI imur iqassam in-nies ta' żmienu fi tliet għaqdiet, daks kemm kienu ulied Noê: Sem missier is-semin, Ħam missier il-ħamin u Jafet missier il-jafetin. Il-lum il-kittieba kollha żammew dan l-isem sabiex ifissru dawk in-nies li *jitħaddtu* ilsien semi.

Ilhom minn żmien twil jitħabtu l-għorrief sabiex jaqtgħu il-kwistjoni mnejn ġew is-Semin: u biss fl-aħħar snin tasseklu li ħareġ beda jfeġġ id-dawl li l-lum għandna fuq dil-ħaġa. Il-biċċa l-kbira tal-kittieba tal-lum iżommu li s-semin huma ġejjin mill-Għarabja. Iżda l-kittieba qodma

(1) Jissokta minn "Il-Malti" ta' l-1927 pp. 37-41. — Niżżu-ħajr lil Dun P.P. Grima talli f'dan l-aħħar artiklu li ħriġna fuq "Art is-Semin" silifna is-sabiħ *gliché* tiegħu, li ġibna fil-paġ. 39, sabiex inġibu quddiem għajnejn il-qarrejja dak li konna fissirna mill-aħjar li stajna, bil-kliem.

(2) Ara "Il-Malti" 1927 pp. 37-41.

(3) Ara dak li għedna f'"Il-Malti" ta' 1926 paġ 122 il-għaliex l-ilsien ma għandux x'jaqsam mar-razza. Fost is-semin insibu wkoll ir-razza sewda, bħal ma huma il-Habx (Etjopiċi).

(4) Eichorn, *Einleitung in das Alte Testament* 2, Leipzig 1787. Ara Noeldecke, *Encyc. Brit.*, XXI, pag. 641

ma kinux ta' din il-fehma u l-anqas bejniethom ma kienu ta' fehma waħda. Kien hemm min ħaseb li s-semin ħarġu minn l-Armenja (5) jew mill-baħar Kaspju (6), u oħrajn igħidu li ġew minn l-Affrika sewwa sew mid-desert tas-Saħħara (7).

Aħna jidhrilna, ma' ħafna kittieba hekk qodma kif ukoll ta' żminijietna (8), li l-fehma li s-semin ħarġu mill-Għarabja u sewwa sew mill-Għarabja ta' fuq in-naħa tal-Kaldea (9), hija aktarx it-tajba. Il-għaliex, kif aħna għad naraw iżjed fit-tul il-quddiem, is-semin taż-żminijiet kollha xterdu dejjem mill-Għarabja, għaddew mill-Kaldea u max-xatt ix-xatt ta' l-Ewfrati baqgħu telgħin il-fuq il-fuq lejn is-Sirja, minn fejn xterdu fil-Palestina u l-hemm mill-Ġordan sa fl-Eġittu.

Fil-ktieb imqaddes tal-Ġenesi aħna niltaqgħu ma' nies Abraham l-ewwel darba fil-Kaldea u billi isimhom huwa għarbi juri biċ-ċar li kienu ġejjin mill-Għarabja. Abraham ma' niesu tela' fis-Sirja (Ħarran), mnejn niżel fil-Palestina u baqa' sejjer fl-Eġittu, Min-nisel Abraham ħarġu l-Lhud. Għalhekk mill-Ġenesi aħna naraw li l-Lhud ġew mill-Għarabja, u bħal-Lhud hekk ukoll ħuthom is-semin l-oħra ġew mill-Għarabja.

**P. Serafin M. Żarb, O.P.**

(5) Li s-semin ħarġu mill-Armenja kienet l-aktar fost il-fehmiet li sabet min iżommha, il-għaliex donnha tinsab sa fil-ktieb imqaddes tal-Ġenesi. Iżda il-lum ma taqrax ħlief xi wieħed 'l hawn u 'l hemm li għad għandu din il-fehma. Ara Noeldecke, op. cit. XX, 643—Ignazio Guidi, *Della sede primitiva dei Popoli Semiti* (Fil-*Memorie della R. Accademia dei Licei,* 1879, III Serie, Vol. III, p, 50.)

(6) Hekk fost l-oħrain kien jaħseb E. Renan, *Histoire générale des langues sémitiques* 2, p. 29 u fi żmenijietna is-Senatur Ignazio Guidi, op. cit., p. 51.

(7) L-ewwel wieħed li żamm din il-fehme kien T. Noeldecke u il-lum iżommha ukoll L. Reinisch, *Das persönliche Fürwort... in den Chamito—Semitisceen Sprachen,* Wien 1909.

(8) Ara Sayce, *Assyrian Grammar for Comparative purposes*, p. 13. — Sprenger, *Die alte Geographie Arabiens,* § 427. — Schrader, *Die Abstammung der Chaldäer und die Ursitze der Semiten*, fiż-*Zeitsch. d. Deutsch. Morgen. Gesell.*, XXVII, p. 397 ss. u ħafna oħrajn.

(9) Ara "Il-Malti" ta' 1927. p. 37.

# ANNIBALE PRECA (1)

Min kien dan Preca, il-maħbub ta' kullħadd f'Malta, fejn twieled is-sena 1832 u fejn għadda għomru u żmienu jagħmel il-ġid? Qatt ma siefer, għax ħlief sa Għawdex ma wasalx. Min kienu ommu u missieru, ma nafx; kienu nies bħal oħrajn, iżda nies tar-ruħ u jistħoqqilhom kull ġieħ, la darba l-fergħa bint iz-zokk; u dan Preca u ħuh Anaklet u l-erba' ħutu l-bniet, il-koll kienu nies sewwa u għaxu flimkien ta' aħwa li kienu, fil-hena ta' l-art, bis-slaleb kollha li ma jonqsu 'l ħadd fid-dinja. Annibale, meta ħija u jien konn'na tfâl, pasprilna illi missieru għandu jkun kien minn ġidd xi wieħed mill-Ħallelin il-Baħar il-griegi li kienu qabduhom qrib Malta u għallquhom u dendluhom minn fuq il-Ponta ta' Sant'Anġlu! Ma nafx mnejn mâr qalagħha din il-ħrafa; imma, biex idaħħakna, kien dejjem jara x'ipasprilna: u tafux, fuq kollox, kemm kien jinqala' biex iħarref; imma dejjem bil-fehma li jderri lit-tfal u lill-ħbieb, u jfarraġ il min jarah imdejjaq bla ma qatt jonqos lil ħadd. Ta' kull fil-għaxija, l-aħħar snin ta' ħajjtu, meta jinġabar f'daru Ħal Lija nhar ta' sibt biex igħaddi il-Ħadd ma' ħutu, kontu tarawh imdawwar bil-ħbieb igħidilhom xi ħaġa: u kien jaf xi jgħid, u kullħadd iħobb jisimgħu, għaliex il-kliem tiegħu ġawhar, mimli tagħlim u mhux ewwilla telf ta' żmien.



Hu u ħuh Anakletu tgħallmu il-Liċew; ulied il-faqar, għaliex missierhom kien daqxejn ta' surmast tar-raħal, kienu imorrulek il-belt ta' kulljum bil-mixi; u dak iż-żmien għandu ikun li kienu jħallsu xi xelin ta' kull tliet xhur, u ż-żewġt aħwa jħallsu ta' wieħed. Preca kien igħidilna illi biex tgħallem huwa u ħuh, missierhom ma nefqilhomx ħlief xi ħamest ewwieq jew ftit anqas; ma niftakarx sewwa! Imma, Annibale, ta' sittax-il sena, laħaq surmast l-iskola tal-Gvern il-

(1) Inġibu bil-qalb dan l-artiklu sabih fuq Annibale Preca, miktub mis-Sur Fons u miġjub fi "Il-Qari Malti" ta' Port Said bl-ortografija tagħna bil-permess tiegħu.

Mosta. Imma issa taħsbux li jwarrab il-kotba għax deherlu sar raġel: baqa' jitgħallem waħdu, biex ikun aktar jinqala' igħallem lit-tfal, u jiġi l-quddiem.

Meta kiber u ġejt nafu jien, kien jista' jitkellem bil-lsien il-malti kif tgħallmu l-Mosta (l-aħjar malti kien igħidli hu) bit-taljan u l-ingliż, bil-latin, l-ispanjol u l-franċiż, barra milli kien jaf ġmielu l-lsien il-lhudi, u xi daqxejn portugiż u grieg ukoll.

Ma nafx liema sena (billi ħuh Anakletu iżgħar minnu kien skrivan ma' missieri) Annibale tħajjar jitlaq l-iskola tal-Gvern u daħal hu wkoll skrivan miegħu. Imma, hawn jaħtieġli nsemmi fuq li dan l-imsejken ta' Annibale kien jofrok: meta kien tarbija ta' tlitt xhur, u dan smajtu minn fommu, kien għoddu waqgħelha mn-idejha lill-imreddgħa u din laħqet qabditu minn siequ biex ma' jmurilhiex fl-art; tgħawġitlu l-għaksa, u din l-imbierka ta' mara beżgħet, jaħasra, issemmi li ġralha; ma tkellmet xejn u l-għaksa ta' siequ baqgħet dejjem tħabbtu; ibbesitlu mgħawwġa u baqa' għomru kollu jimxi fuq ġenb siequ. Għall-ewwel, meta kiber, kien jiġri ġmielu bħat-tfal l-oħra sħabu; il-quddiem beda inaqqas mill-mixi għax ma jiflaħx, għalkemm igħin ruħu bil-ħatar, u jnaqqas dejjem; u bil-qagħad simen ukoll u tqal u bdiet tiġih id-dinja tqila jasal ta' kull jum sal-Mosta b'riġlejh; flus x'jonfoq ma kellux; il-għaliex, jekk biex tgħallem, missieru ma nefaqlux flus, anqas bħala surmast ma kien il-Gvern iħallsu bosta; u kif semmejtilkom, baqa' biex daħal ma' missieri, hekk kif bagħat jitolbu jidħol miegħu.

Bħala skrivan, qabillu wisq aktar, billi missieri telaqlu jaħdem għal-rasu fil-waqt li baqa' jżommlu l-kotba tal-kummerċ. Imma fuq kollox, l-aktar li qabel lili u lil ħija, u l-quddiem lil oħti wkoll, għaliex hu kien l-ewwel surmast tagħna tat-taljan, u ta' l-ingliż u l-latin; u l-quddiem lili għallimni bl-ispanjol, u ħajjarni nikteb il-kotba bil-malti.

L-ewwel ktieb minn dawk tal-*Mogħdija taż-Żmien*, "*Dic Xorti!*" kitbu hu.

F'żogħriti konna noqogħdu l-Belt; fis-sajf niġu tas-Sliema. Darba waħda missieri, huwa u tiela l-karozzin, waqa' u kiser siequ; imma, kull deni ħudu b'ġid, sakemm weħlet, sab li fieq mill-ażma wkoll, u bqajna tas-Sliema xitwa u sajf. Dik il-ħabta kelli tmien snin. Darbtejn fil-ġimgħa, inbagħad, Annibale kien jiġi bid-dawra ma' missieri tas-Sliema, igħallem 'l oħti taqra u tikteb, igħaddi s-sahra u l-lejl id-dar tagħna, u l-għada fil-għodu jarġa' lejn il-Belt ma'

missieri. Kien jiġi fis-sajf, għaliex il-bqija tas-sena aħna t-tfal konn'na l-Kulleġġ, imma barra mis-sajf, darba, tnejn fix-xahar missieri kien iridu d-dar biex igħaddilu siegħa żmien u jderrilu. għaliex kienu jinħabbu bħal aħwa. U kif ma tħobbux, daqs kemm kien dħuli, u minn tagħna, u raġel tar-ruħ?

Annibale Preca baqa' għażeb bħal ħuh u t-tnejn għaxu flimkien ma' ħuthom il-bniet ix-xebbiet. Kien igħid ta' kull jum l-uffizzju tal-kassisin u jitgħaxxaq bih. Għal sitta u għoxrin sena kien purkratur tal-knisja ta' Ħal-Lija, segretarju tal-Opra tal-Propaganda tal-Fidi; u kien ukoll wieħed mill-avukati ta' San Pietru, kif issemmi r-rħama ta' fuq il-qabar tiegħu fil-knisja tal-parroċċa ta' Ħal-Lija, fejn miet ta' sebgħin sena fil-20 ta' Novembru 1901.

B'tifkira tax-xogħol tiegħu, Preca ħallielna dawn il-kotba:

1. *Saggio intorno alla Lingua Maltese come affine all'Ebraico* —ta' 116-il faċċata.
2. *Storia Sacra, bil malti* — ta' 610 faċċati.
3. *Storia Ecclesiastica* — ta' 510 faċċati.
4. *Imitazioni ta Cristu* — ta' 160 faċċata.
5. *Poesji maltin.*
6. *Dic Xorti! (martiriu ta' San Eustachiu)*
7. *Kalbiena għal Baħar.*
8. *Geografia (bil malti)*
9. *Storia tal Cnisja fil kasir.*
10. *Gli Avventurati (bit-taljan).*
11. *Id-Dinja bil-Ħlejjak tagħha.*
12. *Ibżgħu għal saħħitcom.*

L-aħħar ktieb tiegħu li qâmlu mal-għaxar snin xogħol, ta' 760 faċċata, ħareġ bit-taljan is-sena 1904 u jibqa' l-akbar tifkira ta' Preca: xogħol li ngħoġob wisq u faħħruh xi għorrief kbar maltin u taljani. Dan il-ktieb, jismu "*Malta Cananea*" kien wisq għal qalbu. Darba waħda tlabtulu, wegħduli u kont minn daqqiet infakkru: *Annibale, dak il-ktieb tiegħi, taf!* Imma, baqa' dejjem isewwi fih u jbiddel u iżid; fl-aħħar, naħseb li biex jinfatam mid-dinja, għad li qatt ma għax fiha ħlief għal l-imħabba ta' kullħadd, tani dan il-ktieb, u qbadt wara ftit nistampah: ma laħaqx ħareġ qabel mewtu; Alla l-imbierek kien refagħlu hena bosta aqwa milli jitgħaxxaq jara x-xogħol tiegħu f'idejn il-ħbieb li kien ilhom isusu wrajh biex kieku jistampah.

**Alf. M. Galea.**

# FERĦA BLA TEMMA

Mikiel kien għadu kif ġie mill-maħżen. Kien iżomm il-kotba ix-Xatt ħdejn ta' Lies, minsub minn filgħodu sa fil-għaxija ġo qatgħa ħdejn il-bieb, donnu żiemel fil-maxtura, fuq siġġu għali tas-sogħda mdawwar b'karti jperpru fl-imsiemer jew imgezzin kif ġie-ġie. Il-maħżen, kienu jgħidulu : is-sur Kelin, għax kien iridha m'hux ftit. Kliem ftit ma' kullħadd u wiċċu dejjem imqarras. Id-dar kellu l-mara, qaddisa żgħira, dejjem sejra lejl u nhar, taħsel, traqqa', tmeslaħ, u tqies li b'dak li kien jatiha fix-xahar Kelinu ma kien jonqsu xejn. Dak inhar sabha mbergħna tagħmel il-mejda bil-għaġla.

—Għadu mhux lest?—gerger malli neħħa l-kappell.

—Għad, Kelin, għax il-lum ħriġt mument sa għand l-avukat u żammni siegħa. Taf li l-wirt taz-ziju Pawl wasal ?

—Ħallini mill-wirt, niekol irrid. Ilek sejra b'dal-wirt, mur ara kemm kien grass dan zijuk.

—Il-lum wasal sa fl-aħħar. L-avukat qalli li għandi mitejn lira fis-sena għal għomri u dawn neħodhom tant kull l-ewwel tax-xahar.

—Mitejn skud fix-xahar. Ma għabbiekx qaribek.—

—Dejjem nieħdu ftit tar-ruħ. Inkun nista' nagħmel biċċa ħwejjeġ u nikri mizzanin suret in-nies.

—Hawn aħna, ġa ħsibt kif ittajjarhom fir-riħ dal-flus; diddar ma tesgħekx? ilna fiha s-snin, u dal-ħwejjeġ x'tambihom? Int qajla toħroġ. Għandek wiċċ tiddandan ukoll.

Vitor ġiebet l-ikel fuq il-mejda u l-flus ma semmithomx iżjed.

Kelinu kiel u ħareġ. Fit-triq ħass ruħu ħafif u sa wasal il-maħżen ħaseb kif iqassam il-mitejn skud.

Fl-ewwel tax-xahar ta' wara, il-flus waslu. L-avukat bagħathom mar-raġel ta' l-uffizzju. Kelinu qabadhom f'idejh u deffishom fil-but.

Vitor ħabtet tmidd idha biex taqbad flusha; inkisret mita rat lil żewġha jiġborhom b'dik il-herra.

—U jien ?—qalet b'nofs leħen.

—Int dal-flus xi tridhom, s'assa dejjem tajtek kull ma ridt, int tberbaqhom taf il-flus. Il-kaxxa f'idejja.

Kelinu farfar il-ġlekk, u telaq il-barra.

F'nofs inhar ġieb daqsxejn perżut u flixkun imbid.

—Rajt kif naħseb għalik.—Qalla.

Vitor ħasset qalbha tingħafas u bil-makiur ixxuttat demgħa.

—Billi tibki ma ggibux.—Qal Kelinu.

—X'inġib?

—Lil zijuk. M'hux għalih qe'd tnewwaħ?

—M'hux fih kont qe'd naħseb. Qalet Vitor.—Qe'd naħseb fil............

—Istħi għid li nsejtu lil zijuk Jien, għad li ma jiġi xejn minni, il-ħin kollu naħseb fih. Dal-perżut li xtrajt minn ħnientu, miskin, u inti ma tiftakarx fih?

—Taf x'naf? li bi flusi ma nistâx anqas naqta' biċċa ħwejjeġ.

—Arġa' bil-ħwejjeġ. Dan x'tak għal-lbies. Trid turi ruħek. La togħġob lili togħġob lil kullhadd u dan it-tiżjin ma għandekx xi tridu.

Vitor infexxet f'bikja. Kelinu qam bil-herra u bla sliem telaq il-barra. Ġie lura, kien dalam sewwa, daqsxejn imlaħlaħ u tala' jorqod.

Kulljum, Kelinu beda sejjer għal agħarr, igemgem, isabbat, imur id-dar xurban u ħabba lill-mara ma jerħilhiex f'idha. Il-mitejn skud kien sab tarfhom il-ħali: jisqi lillħbiebu, għax ħafna daru miegħu.

Vitor rat li kien jeħtiġilha taħseb għal rasha, biex tikseb sehem mill-wirt ta' zijuha.

Għodwa waħda ma qamitx mis-sodda. Kelinu resaq lejha.

—Ma tqumx? qalla?

—Ma niflax, inħoss il-mewt fuqi. Jien f'did-dinja ma għandi x'nagħmel xejn. Nagħli għalik.

—X'ġara?

—Jekk immut xi jsir minnek? Il-flus taz-ziju, kif taf int, jatuhomlna sa ma nibqa' ħajja jien, wara mewti jmorru għand nies iz-ziju Pawl.

—Zijuk għall-infern, qabeż Kelinu, mela jien tista' tgħid ma għandi-xejn? Dan baqa' jonqos tmut. Oqgħod fis-sodda ha' mmur għat-tabib. Ara li ma jfettillekx tinżel.

Kelinu kollu ħosbien mar għat-tabib qabel niżel ilmaħżen.

Fil-għaxija mar sabu u staqsieh x'jidhirlu mill-mara.

—Martek għandha bżonn il-mistrieħ, meta tħossha aħjar għandha toħroġ u ddur u ara li ġġib min idur biha u ara li ma ttihiex xi regħxa għax tmurlek bħal għasfur.

Kelinu rasu saret daqs qartalla, ħalef lit-tabib li martu ma kellha jonqosha xejn, jekk dan kellu jtawlilha ħajjitha.

Jumejn wara, qala' xbejba biex taqdihom u biex iddur b'Vitor.

—Vitor oħroġ dur dawra issa li tħossok aħjar.

Ħarġet, u l-ewwel żjara kienet għand Saverina tal-ħwejjeġ. Wara jumejn Kelinu sab il-kont.

—Ser tibda tonfoq?—Qalilha kollu mbegħren.

—Tridni noħroġ bla ħwejjeġ? Jekk noħroġ nitjieb qal it-tabib.

Ma għaddietx ġimgħa, Kelinu sab il-mara fuq siġġu f'rokna b'rasha ġo idejha. Ħass rogħda f'qalbu.

—X'għandek?—Saqsiha.

—Rasi ser tinqasam jien f'din id-dar ma nistâx noqgħod aktar. Irrid il-wisa', irrid id-dawl, se'mmut.

Kelinu twerwer.

—Iva titbaqbaqx, kollox insewwu. Nikrilek,tibżâx; għada stess infittex.

—Ħallini immut Kelin, titħabatx għalija, mur il-maħżen.

Egħluq ix-xahar Kelinu mar ra dar żgħira li Vitor kienet tefgħet għajnha fuqha żmien ilu. Ftiehem mas-sid, għad li qalbu ħarġet mal-flus tal-kera.

Vitor ħadet ir-ruħ, u malli ġarret għamlet ġimgħa żżejjen id-dar il-ġdida. Ftit għamara kellha żżid, għax id-dar kienet akbar.

Kelinu ħallas, qarras wiċċu, u gemgem, imma ħallas għax il-mara qalbet għall-aħjar.

—Kollox nagħmel biex nara 'l marti b'saħħitha.—Kien igħid lil ħbiebu.

Vitor tbiddlet bħal lejl minn nhar. Mita kienet tixtieq xi ħaġa, il-ħass ħażin kien jarġa' jaqa' fuqha u minn xejn togħxa. Kelinu issa jaħseb ħażin u issa jaħseb sewwa, kien fl-aħħar idaħħal idu fil-but.

—Vitor, ibża' għal saħtek. Kien igħidilha u f'qalbu : La dak il-mingħul ta' zijuk ried hekk...

Il-għoqda f'qalbha kienet li biex tixtri l-anqas ħabba kellha dejjem titlob lil żewġha; mita kien ikun bil-buri tajjeb Kelinu igħid iva, u mita kien jiftillu, igħid lè.

—Din m'hix ħajja.—Kienet tgħid.—Dawk flusi u rridhom f'idejja.

Għodwa waħda ma felħetx iżjed u għamlet f'rasha li teħles minn dal-jasar.

Fl-ewwel tax-xahar mita wasal ir-raġel ta' l-avukat bil-flus tal-wirt, Vitor kienet tħit f'rokna. Malli nfetaħ il-bieb qamet minn mnejn kienet u bla kliem xejn ħaditlu l-flus minn idu. Kelinu kien qam ukoll imma laħaq tard għax hi daħħlithom f'butha minnufih.

Kollox sewwa Vitor, qallha, ħa' nara, aħjar tatini nżommhom, għax lilek jistgħu jgħalltuk.

—"Le, Kelin ruħi, issa tara kif naf inżommhom". Rasset il-flus f'butha u sejħet lill-qaddejja.—Għinni, qaltilha, wiżinni fit-tarag għax għandi bħal tferfir f'qalbi u ħudni nimtedd.

Kelinu baqa' b'ħalqu mbexxaq iħares lejn il-mara tielgħa tarġa' tarġa. Kieku xtaq iżommha u jġagħalha tatih il-flus, kieku ma jridx jatiha xi regħxa u jkun kaġun ta' xi għawġ kbir. Malli għabet wara l-ewwel indana ħa nifs twil għax magħha ħass li għab il-wirt taz-ziju Pawl. Ġibed waħda lil dak il-misħut ta' ziju li għoġbu jħalli ġidu lill-mara, u tafa' bejn snienu sigarru bla ma qabbdu. "Taf x'naf", qal qabel ħareġ; "Vitor, m'hiex mill-agħar, jekk wieħed jaf imurilha, u naħseb li bil-kelma t-tajba noħroġ il-far mit-toqba."

Telaq siksnijiet u mar jonfoq dak li kien fadallu fil-but, bit-tama li mita jarġa' l-ura lil Vitor il-ħass ħażin ikun għaddielha. Imma Vitor żammet jiebes u Kelinu kellu jaqa' għalħabba tas-sultan.

Ferħa bla temma, il-mitejn skud fix-xahar għalih biss taz-ziju Pawl.

T. Z.

# L-IMSIDA U TAL-PIETÀ

Fl-aħħar għadd ta' dana l-Qari, qrajna kitba ta' G. DIMECH DEBONO, u fiha sibna dan : "*sal-1876 il-vera parroċċa ta' l-Imsida, b'Tal-Pietà magħha, kienet dik ta' Birkirkara imsemmija għal Santa Liena.*" Iżda hawn, il-kittieb, għandu żball kbir: għax jekk l-Imsida sal-1867 (u mhux sal-1876) kienet tagħmel ma' Birkirkara, Tal-Pietà ma kenitx.

Minn xħin l-Isqof Senatore de Mello ħalaq, fl-1436, tmien parroċċi ġodda sa kemm inbniet il-Belt, l-art Tal-Pietà, aktarx li kienet tagħmel ma' Ħal Qormi, milli ma' Birkirkara. Iżda l-biċċa kienet x'kienet, Tal-Pietà sal-1867 (u mhux sal-1876) ma' Birkirkara ma' kenitx tagħmel sehem żgur.

Aħna rridu naħsbu li dak li qal G. Dimech Debono fuq l-Imsida u Tal-Pietà, ma qalgħux minn żniedu, iżda

ħadu minn fuq ħaddieħor li qablu qal hekk; u għalhekk hawn jiġi li, G. Dimech Debono, ma għandu l-ebda ħtija f'din il-biċċa.

Wara li nbniet il-Belt, Tal-Pietà aktarx infirdet minn ma' min kienet tagħmel qabel u ngħaqdet mal-parroċċa ta' S. Pawl. Inbagħad, mita fl-1844 il-Furjana saret parroċċa għaliha, Tal-Pietà marret magħha, u damet mal-Furjana sa kemm l-Imsida nħallet u nfirdet minn ma' Birkirkara u saret parroċċa għaliha u magħha ġabret lil Tal-Pietà. Iżda l-lum, Tal-Pietà, ma tagħmilx kollha ma' l-Imsida, għax biċċa minnha tagħmel mal-Ħamrun ukoll.

Li kieku G. Dimech Debono ta ħarsa sewwa fid-*Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo* u fli *Storia Ecclesiastica di Malta* ta' Killi Ferris, ma kienx isib ruħu mqarraq hekk bl-ikraħ bħal ma sab. F'dawn il-kotba, barra milli kien isib lil Tal-Pietà ma' liema parroċċa kienet tagħmel sewwa, kien isib ukoll illi l-Imsida saret parroċċa fl-1867, u mhux fl-1876, bħal ma kiteb hu.

Fid-*Descrizione delle Chiese* li semmejna nsibu li Tal-Pietà kienet Viċi parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Għamilha hekk l-Isqof Gori Mancini fl-1721, jiġifieri meta l-Furjana kienet għadha ma nbnietx, u damet b'din is-setgħa sal-1740. F'daż-żmien kienet tieħu ħsieb ta' 456 ruħ. Iżda, inbagħad, billi fl-1740 tlestiet il-Kappella ta' San Publju, is-Sagramenti ġew meħuda mill-Knisja tad-Duluri u mqiegħda fiha.

F'wieħed mill-Folji ta' Malta' li kienu joħorġu fl-1867, imsejjaħ *L'Ordine*, fil-għadd tal-15 ta' Marzu tas-sena li semmejna, insibu kif saret Parroċċa l-Imsida. Billi ħabat il il-Kappillan ta' Birkirkara, il-Prepostu Dr. D. Calċidon Agius, ġie mlaħħaq Penitenzier tal-Kattidral, l-Isqof Pace Forno kiteb Ruma, fejn wera li jinħtieġ li l-Imsida ssir parroċċa għaliha, kif hekk kienet ix-xewqa tal-Misidjani minn bosta żmien qabel. Fuq hekk, il-Papa bl-Ittri Apostoliċi tat-13 ta' Novembru 1866, firidha minn Birkirkara, u b'Kappillan ġie magħżul Dun Salv Caruana, li qabel kien Viċi parroku tagħha (ta' l-Imsida). Wara, b'ordni tal-Isqof tal-24 ta' Frar 1867, ġew magħrufa t-trufijiet ta' fejn għandha setgħa l-parroċċa ġdida ta' l-Imsida, billi ġew mogħtija lilha Tal-Pietà u Misraħ il-Barrieri. Fit-2 ta' Marzu ta' wara, quddiem kotra kbira ta' nies, ġiet magħmula l-imsemmija firda mill-Vigarju ta' l-Isqof, megħjun mill-Kanċellier tal-Kurja, u ħa il-pussess il-Kappillan il-ġdid. U fl-aħħar, b'Editt tat-12 ta' Marzu 1867, ġiet imxandra fil-Knejjes li l-Imsida saret parroċċa għaliha, biex b'hekk tiġi magħrufha ma' Malta kollha.

**Ġużè Gatt.**

# GĦANJA MALTIJA

Irrid natik għanja
li fost l-għana kollu
li ġie minsuġ lilek
ħadd s'issa ma tak ;
għax kif tidher lili
hekk ħajja, hekk sbejħa,
ja art ta' twelidi,
ħadd m'għaraf jarak.

Min ħatrek rebbieħa
fil-ġlieda mal-Mislem,
min tellgħek fil-għoli
imħabba t-twemmin ;
lil wieħed tat l-għanja
il-ferħa tar-rebħa,
lil l-ieħor ta' Kristu
is-sewwa tad-Din.

Oħrajn mita l-għaref
mar jikxef l-imgħoddi
ta' żmien l-aktar bogħod
mid-dlam ta' l-egħrien,
mill-għaxqa misruqa
imgħaġġba bid-dehra,
ħollew tal-foħrija
minn tagħhom l-ilsien.

Mhux hekk l-għanja tiegħi !
kif twieldet jaf Alla
li l-ġnus mar iqassam
kull wieħed għalih,
u nissel f'kull bniedem
għal artu, għal ġensu
dil-ġibda li tħeġġeġ
ta' qalbu fil-qiegħ.

Hekk twieldet, bħal xitla
ixxettlet u kibret,
bħal siġra midditli
ġo qalbi l-egħruq,
saqqejtha, saħħaħtha
bid-demm ta' żgħożiti,
b'dad-demm li f'imħabbtek
jien minnu maħruq.

Għax jiena, bħal mara,
bħal mara li ssaħħar,
li tbellaħ, li ġġennen
urajk jien miġbud.
Hekk hekk, hekk inħobbok
w-inħoss ġewwa sidri
li ngħix ma nkunx nista'
jien minnek mifrud.

Min jaf kemm-il-darba
fil-ljieli tal-qamar
qgħadt nisma' lill-baħar
ibusek fis-skiet
u b'rogħda ta' għira
mikdud mill-imħabba
gerżumti ħassejtha
b'demm qalbi intliet.

Min jaf kemm-il-darba
fil-qilla sajfija
nixxemmex int rajtni
mitluf f'ħarsa lejk,
nistħajlek xi tfajla
kif nieżla fil-baħar
waqt jien kont nissaħħar
għad-daħka t'għajnejk.

Għalhekk malli ïsmek
jien nisma' nintilef
bħal kieku f'dagħdigħa
ta' bniedem marid,
u nħoss qalbi tferfer
ġo ħruq liema bħalu
u donnha minn sidri
hi taqbeż tkun trid.

Għalhekk jien niġġieled
b'din saħħti, b'dan moħħi,
biex dak li hu tiegħek
jittiesef lè xejn,
għalhekk jien nitfittet,
nitmasħan, nitqabad,
biex int ma tkunx iċken,
milli inti u fl-għajnejn.

Int biss għallimthieli
qalila l-mibegħda
għal min irid jaħqrek
jew jixħtek fit-tajn,
sew sew jekk barrani,
jew ħija nobogħdu
għalih ma hemmx maħfra:
għal miegħu għajn b'għajn.

F'dit-telfa qawwija
din l-għanja ħejjejtlek.
Imkebbsa xewqati
bħal ġamra għalik,
ħabbatli kull daqqa
li tmur mat-tqabbila
ta' demmi li jagħli
ġo ġismi t-tektik.

U wara li l-bewsa
tal-mewt minn ġo fija
ittajjar lir-ruħi
għaż-żmien ta' bla jiem,
jien nibqa' nismagħha
w-hi tibqa' tgħannili
din l-għanja wild ruħi,
għax ruħi bla tmiem.

C. M B.

## "LEĦEN IS-SEWWA"

Għandna f'idejna l-ewwel ħames numri ta' din il-gazzetta li bdiet toħroġ fl-ewwel ta' Settembru u nixtiequ nfaħħru b'qalbna kollha lil min qiegħed joħrogħa.

Irridu ngħidu, bla ebda biża' li qegħdin ngħidu ħażin, li "*Leħen is-Sewwa*" jisboq lill-ġurnali l-oħra kollha għaliex hu biss fost kollha kemm huma jista' jaqdi l-missjoni tiegħu ta' GĦALLIEM TAL-POPLU u dan il-għaliex hu meħlus minn kull ġibda lejn dan jew dak il-partit politku—ħaġa li l-ebda gazzetta oħra bil-malti ma hi meħlusa minnha. Imżewqa tajjeb ħafna għax fiha ssib mhux biss artikuli reliġjużi sbieħ ħafna, iżda ssib wkoll artikuli ta' Letteratura, Arti, Storja u artikuli oħra li jiġbduk tassew. Ħaġ'oħra li iġġagħalha tisboq lill-gazzetti l-oħra bil-Malti hi l-*ortografija uniformi* li tagħmilha għanja u sabiħa. *Ad multos annos.*

# IL-MIKROBI

## TAGĦLIM GĦALL-KOTRA

Kieku kelli nurikom żiemel u nsaqsikom jekk huwiex bhima jew ħaxixa, malajr tweġbuni "Bhima". Hekk ukoll jekk nurikom balluta intom lesti biex taħilfu li din tagħmel sehem mis-saltna tal-ħxejjex. Imma nista' nġibilkom ħwejjeġ bil-ħajja bħal bhejjem u l-ħxejjex li aktarx ma tistâx taqta' jekk humiex minn ta' l-ewwel jew minn tat-tieni. Dawn huma hekk żgħar li wieħed ma jistâx jikklassifikahom. Għalhekk wieħed għaref ried li tinħoloq saltna ġdida, bejn dik tal-bhejjem u dik tal-ħxejjex. Din is-saltna msejħa tal-*Protisti.*

Fost il-*Protisti* ħafna għorrief iqiegħdu l-mikrobi. Bosta għorrief oħrajn imħabba f'tagħlim iktar għaqli u għodda iktar tajba, iridu li l-mikrobi jitqiegħdu mal-ħxejjex. Aktarx li s-sew min-naħa tagħhom u għalhekk il-lum ħadd ma joħlom iżomm il-mikrobi bħala biċċa mis-saltna tal-bhejjem, wisq inqas li huma dud bħal ma tisma' jgħidu ta' sikwit in-nies li ma jifhmux.

Mikrobi hawn bil-bosta, fuq l-art, fl-arja u f'qiegħ il-baħar, miljuni ta' miljuni jmutu, imma kemm miljuni oħra ma jitwildux! Kull fejn isibu l-ilma u s-sħana li tinħtiġilhom erħilhom jitkattru. Dan it-tkattir tagħhom ħaġa ħafifa wisq. Meta l-mikrobu jikber—u dana f'qasir żmien—jibda biex jinqasam fi tnejn. Kull biċċa ġdida malajr issir daqs ommha u bla telf ta' ħin hija wkoll tinqasam f'biċċtejn. Tistgħu tifhmu li fi ftit sigħat minn mikrobu wieħed jitnisslu l-miljuni.

Is-sabiħa hija din. M'hux biss għandhom is-setgħa li jitkattru b'għadd tal-għaġeb, imma xi wħud ukoll li jgħixu żmien bosta twil f'dawran ħażin. Nieħdu tażża ilma. Nitfgħu fiha mikrobu. Dana jikber u jnissel bosta wlied. Aktarx li huwa jmut, kif ukoll aktarx li jmutu bosta minn uliedu. Dawk li jibqgħu jistgħu jsibu ruħhom f'dawran ħażin, jew għax jonqos l-ikel, jew għax tonqos is-sħana. Taħsbux li dawn imutu kif ġieb u laħaq? Le, minnflok jidħlu f'qoxorthom (*sporification)* u hekk jistgħu jistennew żmien aħjar—x'ħin jasal erħilhom joħorġu barra ħalli jibdew il-ħajja mill-ġdid.

Kieku kellna nieħdu wlied il-mikrobu li tfajna fit-tazza u nifluhom tajjeb insibuhom kollha ta' għamla waħda. Tassew li xi wħud jistgħu jkunu?ikbar mill-oħrajn, imma s-sura hija waħda. Jekk il-missier kien tond, uliedu huma tondi; jekk

tawwali wliedu tawwalin. Aktarx li l-mikrobi jinkasmu f'tondi, f'tawwalin forma ta' mazzita, f'tawwalin forma ta' bsaten, jew f'tawwalin b'ġisem qiesu posta ta' kuruna tar-rużarju. Għamliet oħrajn hemm ukoll, imma għalikom biż-żejjed tkunu tafu li hemm iżjed minn waħda. Dawn il-mikrobi iġibu l-mard li jittieħed. Sa ftit żmien ilu, meta wieħed kien jagħmel operazzjoni aktarx li kien imut xorta waħda m'hux għax l-operazzjoni kienet tkun ħażina, imma għaliex kienu jidħlu fil-ġrieħi tiegħu dawn il-mikrobi. Il-lum le; nafu li kullimkien hemm il-mikrobi, għalhekk naħsbulhom mill-ewwel. Għax-xjuħ tagħna kienet tqila wisq li jifhmu kif il-pesta tittieħed. Erħilhom joħolmu...sa fis-seħer kienu jwaħħlu! Li tmiss wieħed u tittieħed kienu b'xi mod jifhmuha, imma li għandu jatas qasba bogħod u jmardek ma kinetx tinżlilhom bħala ħaġa mil-lewn id-dinja. Aktarx min għatas kellu l-għajn! Il-lum le. Nafu biż-żejjed tajjeb li meta wieħed jagħtas jitfa' madwaru xita ta' qtar żgħir b'eluf ta' mikrobi fuq kull qatra,—ngħidu aħna, il-qtar iservu lill-mikrobi ta' żwiemel.

Il-mistoqsija weħedha tiġi "Huwa l-mikrobi kollha jġibu l-ħsara?" Lê. Wisq żgħir huwa l-għadd ta' dawn ħdejn l-oħra li jew jagħmlu l-ġid jew li s'issa ma nafux għal fejn jinħtieġu. X'kienu jiswew l-egħlieqi tad-dinja kollha kieku ma jħaddnux f'sidirhom miljuni ta' miljuni ta' mikrobi li ħsiebhom wieħed biss, dak li jsajru l-art. Imma min ilum il-magħkus jekk jara biss id-deni u jinsa l-ġid ta' ma' dwaru? Hekk ġara lilna. Dejjem nisħtu lill-mikrobi għax ninsew li bosta minnhom jiswewlna u m'hux il-ftit.

Dawk li jmarduna jidħlu fina mix-xquq. Kull xaqq—naturali jew artifiċjali—li għandna fuqna huwa bieb għal mikrobi. Min hu ta' saħħa żgħira, jew għax imġewwaħ jew għax għajjien malajr jaqa' lsir tagħhom. Ġisem tassew b'saħtu huwa ħajt li l-mikrobi ma jistgħux jaqsmu. Nieħdu tnejn qegħdin jaħdmu f'kamra waħda f'lejl xitwi. It-tnejn joħorġu fl-istess ħin. Wieħed jiddobba riħ u l-ieħor le. Jekk it-tnejn kienu sħan indaqs għaliex ġara hekk? Issibu li wieħed huwa b'saħħtu iktar minn l-ieħor.

Mela biex neħilsu mill-mikrobi jinħtieġ li nibżgħu għas-saħħa u għall-ġilda. Dik id-daqxejn ta' barxa magħmula minn musmar imsaddad hija biż-żejjed biex iġġibilna tetanu.

Darb'oħra—jekk Alla jrid—nitħaddtu fuq id-deni rqiq u fuq il-mikrobu li jnisslu.

**Ros. Briffa B. Sc.**

# ĠENN! (1)

M'hemmx għalfejn ingħid ismi. L-ismijiet jixxiebħu kollha u kieku qabel nitkellem kelli ngħid ismi, jien żgur li sa kemm nerġa' niftaħ ħalqi, kullħadd ikun laħaq mar u ħallieni waħdi. Id-dinja hekk hi: tfittex il-qoxra u ma tħarisx lejn il-qalba, trid il-għata sabiħa u ma tarax x'hemm imgħotti. Kieku wara ismi kelli xi erba' ittri, kieku f'żogħriti missieri kellu l-flus biex iwaddabni f'Università u jwaħħalli dawk l-ittri wara ismi, kieku, tibżâx! kullħadd jieqaf jismagħni. Ma jgħoddx li biex ħa' dawn l-ittri dan il-bniedem għadda żogħżitu jiekol il-kotba bla mistrieħ biex iwaħħal bil-bżieq kull ma qara f'moħħu, ma jgħoddx li fl-eżami ikkopja kemm felaħ u li l-għada ta' l-eżami nesa kollox, ma igħoddx; dak li jgħodd huwa biss li hu għadda minn l-eżami, li hu rnexxielu juri lill-eżaminaturi tiegħu li hu jaf dak li ma jafx, li hu fehem dak li ma fehemx. U dan huwa biż-żejjed! u l-ittri li kont tant xtaqt, donnhom miġbuda minn kalamita, tarahom jeħlu wara ismek! Nagħmel tajjeb li sittin fil-mija mill-imsejjħa *graduati* għadhom l-anqas jafu huma stess għaliex iġibu dawk l-ittri warajhom, għaliex bnedmin oħra, ta' intelliġenza aqwa minn tagħhom, ma jġibu xejn wara isimhom. Dan jien qatt ma stajt nifhmu! Għaliex jien li naf naħseb, li naf nara t-tajjeb u l-ħażin, li naf ingħarbel kull ma nisma', ma nġib xejn wara ismi u int, int li għadek l-anqas tidher f'wiċċ id-dinja u li għadek b'ħalib ommok fi snienek, iġġib? Għaliex ħafna oħra, li ma jiswew xejn aktar minnek, iġibu? Dan li rrid naf, dan huwa l-problema ta' ħajti. Ma tafx li kull bniedem il jiġi fid-dinja għandu problema x'iħoll? Ma tafx? Il-problema... Eh! taf?... Mela m'hemmx għalfejn ingħidlek... Il-problema tiegħi, li nibet f'moħħi malli nibet il-ħsieb, huwa dan: għaliex jien li naf naħseb ma nġib xejn wara ismi u ħaddieħor li ma jiswiex daqs nofsi, iġib?

S'issa għadni ma stajtx nirsolvi dan il-problema kbir li mlieli ħajti. Bil-ħsieb inħoss moħħi juġagħni u jħabbat bil-qawwi, inħoss qalbi trid tinqasam, inħoss demmi jitħabat ġo fija donnu q'ed ibaqbaq bil-għali, għaliex? għaliex?!... għaliex jien ma nġib xejn u ħaddieħor iġib? għaliex x'ħin ingħid ismi ħadd ma jaqla' l-kappell u meta jdoqqu l-*God save the King* kullħadd jikxef rasu, għaliex? għaliex meta igħaddi l-Isqof kullħadd isellimlu u lili ħadd ma jati kas tiegħi? Dan li rrid naf minn għandek. Dan huwa li staq-

(1) F'waħda mill-visti li għamilt lil Ta' Frankuni, rajt bil-qiegħda fuq bank raġel ta' xi ħamsin sena jitkellem waħdu. Xħin ersaqt fuku u saqsejtu x'jismu, hu qalli.....

sejt fil-pjazez, dan huwa li staqsejt kull fejn mort u kull fejn kien hemm min jismagħni. U taf x-inhi t-tweġiba li tawni? It-tweġiba kienet li sibt ruħi hawn ġew, indukrat bħal ħalliel. X'għamilt jien biex daħħluni hawn ġew? Xejn, ħlief staqsejt dak li ma kontx naf, dak li jien ma stajtx nirsolvi. Kont nismagħhom igħidu li l-mistoqsija hi oħt il-għerf u għax staqsejt biex insir għaref, sibt ruħi hawn ġew... Ma ġara xejn! Jien m'jinix bħal ħafna minn sħabi li jixtiequ joħorġu l-barra, lê, jien hawn ġew qiegħed tajjeb, hawn ġew qiegħed għal qalbi, għax għandi iżjed żmien biex nirsolvi il-problema tiegħi. Barra kont irrid indum nitħabat nofs ta' nhar biex naqla' loqma ħobż u nsib xi rokna fejn immid rasi, u bil-għaja bil-kemm kont niflaħ naħseb; hawn ġew xejn! hawn ġew iċċempel qampiena u mmur niekol, iċċempel oħra u mmur norqod, nistħajjilni xi Papa! u għandi żmien naħseb kemm irrid, kemm jogħġobni. Dak li jdejjaqni biss huwa mita jsejħuli f'kamarthom il-professuri, dawk li jġibu l-ittri wara isimhom, u jpoġġuni fin-nofs u joqogħdu jistaqsuni għandu jkun iridu jisirquli l-problema u jirsolvuh huma minn floki biex joħduli il-ġieħ li jkun ħaqqni.

Dal-għodu sejħuli. Dħalt f'kamra miżbugħa bajda. Fin-nofs mejda miksija b'biċċa pannu ħadra; naħa waħda tliet professuri, li jġibu l-ittri warajhom, bil-qiegħda; in-naħa l-oħra siġġu vojt: għalija. Għamluli sinjal b'rashom u jien poġġejt bil-qiegħda. U bdew jitkellmu bejniethom u jħarsu fiss lejn wiċċi.

—Dana— qal l-ixjeħ fosthom, l-iżjed li jġib ittri wara ismu—Dana, jekk ma niżbaljax; huwa dak li għidtilkom, dak li huwa marid bil-*megalomania incipiente*... Kas interessanti ħafna...

Jien ma bqajtx nismagħhom jitkellmu iżjed u bdejt naħseb waħdi, billi jien għandi moħħi bħal kaxxa tad-daqq li malli jisma' xi kelma li togħġbu jibda jhewden u jhewden u jhewden fuqha. Me-ga-lo-ma-ni-ja in-ci-pi-en-ti! Jien marid bil megalomanija incipienti? Xi tkun din il-marda? xi problema aqwa milli għandi? Iżda minn flok ma għalejt, fraħt għax biex ikollok marda b'isem hekk twil trid bil-fors tkun xi ħaġa kbira għax kieku, min hu dak il-ħmar li se' joqgħod ifittex dan l-isem kollu għal wieħed li ma jiswa xejn...

Iżda l-anqas ma ħallewni naħseb bi kwieti, bdew idejquni bil-mistoqsijiet tagħhom.

—X'differenza issib bejnek u bejn ir-Re?

—Bejni u bejn ir-Re? Sabiħa din, xejn! Hu għandu par

għajnejn u jien għandi par oħra, hu għandu imnieħer biex ixomm, ħalq biex iduq, par idejn biex imiss u jien għandi ukoll u għal bżonn aħjar minn tiegħu... anzi... anzi... jien għandi il me-ga-lo-ma-ni-ja in-ci-pi-en-ti... u hu m'għandux...

—Fejn taf x'għandu ?

—Iss, mela ma nafx! kieku qiegħed ħdejja...

—*È un soggetto molto interessante !*

—*Si... Si... Il suo modo di ragionare è caratteristico dei megalomani... Che le pare?*

—*È un caso tipico!... chiamiamo gli studenti...*

Wara li ma nafx b'liema lsien ieħor tkellmu bejniethom, wieħed minnhom ċempel qampiena u lis-seftur li ġie għaċċempila qallu biex idaħħal l-istudenti. Għaddew ftit minuti u smajna ġej ħafna għajjat, daħk u taħbit ta' mixi. Xħin waslu ħdejn il-bieb, siktu u daħlu. Kienu ħdax, bi blusa bajda: ħdax li, hekk għidt bejni u bejn ruħi, għad iġibu l-ittri wara isimhom.

—*Ora silenzio... e osservate...*

—Mela konna ngħidu li bejnek u bejn ir-Re m'hemmx differenza. Hux hekk?!... Tajjeb. Mela kemm hu anqas minnek il-Gvernatur li jrid jobdi l-ordnijiet tar-Re?!...

—Ċert!... Jekk il-Gvernatur ma jobdix l-ordnijiet tar-Re jitkeċċa u jmut bil-ġuħ; jekk jien ma nobdix l-ordnijiet tagħkom, il-lejla ċċempel il-qampiena u niekol xorta... Mhux hekk biss...

—Għid... għid...

—Mhux hekk biss... jiena aqwa minnkom ukoll li ġġibu tant ittri wara isimkom... għax jekk intom ma tobdux lill-Gvern, il-Gvern ikeċċikhom il-barra u tmutu bil-ġuħ...

L-istudenti infexxew f'daħka. Kullħadd jieħu piaċir jara minn hu aqwa minnu mwaqqa' għaċ-ċajt. Iżda kliemi, ma nafx għaliex, għalkemm għoġob lil l-istudenti, ma għoġobx lill professuri...

—*Silence, please!*... Ħallikom mid-daħk u tgħallmu xi ħaġa... Dan li hawn quddiemna huwa marid bil-megalomanija incipienti... jekk tafu ftit grieg u latin mill-ewwel tifhmu xi tfisser... Megalomanija hija magħmula miż-żewġ kelmiet griegi... Int li q'ed tidħak, x'inhuma? Il-ġimgħa l-oħra għidtomlok!...

Kullħadd dar iħares lejn l-istudent mistoqsi; dan, bla ma ikkonfonda, bi tbissima f'ħalqu, għemeż lil sħabu u qal b'leħen ta' xi wieħed li għamel xi ħaġa kbira :—

—Insejt, Profs !

—Tidħak ma tinsiex, hux ?

—Żgur !

—Taf fiż-Żoologija x'isejħulek?

—Ħmar !—u daħak.

L-istudenti l-oħra u l-professuri daħku ; jien biss ma dħakx. Għax rajt kemm id-dinja hi maqluba. Għax jien ma nsib l-ebda differenza bejni u bejn ir-Re, qalu li jien marid b'moħħi, qalu li jien marid bil-kburija, bil-megalomanija, u ġibuni hawn ġew; għax dan l-istudent ma jsib ebda differenza bejnu u bejn ħmar u minn fuq jiftaħar, kullħadd daħaklu u ħadd ma qal li hu marid biċ-ċkunija u q'ed ifittex fid-dizzjonarju Grieg biex jati isem lill-marda tiegħu... Għal marda tiegħi biss qagħdu jqallbu id-dizzjonarji Griegi u latini...

—Mela l-kelma megalonija ġejja miż-żewġ kelmiet griegi: *Megalos* li tfisser kobor u *mania* li tfisser wieħed iffittet; u incipiente mil-kelma latina *incipiens:* bidu. Dan (u wriehom lili) huwa fil-bidu tal-marda tal-kburija... Għal dawn l-ismijiet dejjem infittxu xi kliem miż-żewġ ilsna mejta, grieg u latin...

Wara bagħtuni il-barra u bqajt ġej hawn hekk naħseb u nfittex li nfisser il-għaliex l-isem tal-marda tiegħi ħaduh minn żewġ ilsna mejta. U wara ftit qtajt il-għaliex : biex l-istudenti ikollhom x'jistudjaw!... Kelli bżonn li nħoll hekk malajr il-problema ta' ħajti ! U tibżâx, ma ndumx ma nirsolvih !

Wieħed qassis qalli li biex inkun nista' nirsolvi l-problema tiegħi rrid nistudja l-Filosofija, nistudja kif wieħed għandu jirraġuna biex mix-xejn jasal f'xi ħaġa. Jien għal l-ewwel ħarist lejh mistagħġeb. Kif, nistudja l-Filosofija ? Jekk jien kelli ħabib li kien igħid li l-Filosofija hi telf ta' żmien, tħambiq ta' nies li qatt ma jaqblu bejniethom, ta' nies li jaħsbu li huma biss qegħdin fis-sewwa? Jekk jien qatt ma messejt ktieb ta' dawk li jġibu l-ittri wara isimhom u l-anqas naf biss jekk il-kelma *filosofija* hiex ġejja mill-grieg jew mil-latin? Għal dawn il-mistoqsijiet il-qassis weġibni li iġibli karta miktuba bil-malti biex jurini kif wieħed għandu jirraġuna. U hekk għamel. Il-għada ġie, tani karta u telaq. Jien ftaħta u bdejt naqra.

" Biex tirsolvi kull problema ta' ħajtek trid tirraġuna.
" Biex tirraġuna, trid tkun taf kif. Biex tkun taf kif, trid
" tkun taf li kull raġunament hu magħmul minn ftit sentenzi:
" il-kbira (*maggiore*), iż-żgħira (*minore*) u l-egħluq(*conclusione*).
" Eżempju : Il-Maltin sbieħ (*maggiore*); int Malti (*minore*);
" allura int sabiħ !—Iżjed tard niġi infissirlek kollox. "

U issa sirt filosfu! Jien li ma nġibx ittri wara ismi, sirt filosfu! U bdejt nirraġuna fuq kollox, fuq kull ma jiġi quddiemi, bla biża' ta' ħadd. Għax jien filosfu! Hemm araha! Qiegħedx taraha lil dik ix-xbejba ssaqqi lil dawk il-qsari? Il-bieraħ fil-għaxija minn wara siġra smajtha tkellem lil wieħed mis-servienti. Qaltlu :- " Tini qalbek, qalbek kollha, ma nistâx ingħix minngħajrha! " U hu : " Iva, iva, kollha! " U deherli li q'ed naraħ jiftaħ sidru, idaħħal idejh, joħroġ qalbu kollha dmija u jtihielha. "Ħa, qallha, ħa qalbi, la int ma tistâx tgħix minngħajrha ħudha, tibżâx, jien ngħaddi minngħajrha... fil-qabar! " U dik ix-xbejba li kienet talbitu qalbu bi ħrara hekk kbira li riditha kollha għax ma setgħetx tgħix minn għajrha, malli ratha, xeħtet għajta, għajta ta' biża' u qżież u telqet tiġri kemm tiflaħ; u l-imsejkna qalb wakgħet fit-trab u tħammġet. Anki dal-għodu. Dal-għodu rajt żewġ tobba jieħdu b'id xulxin; ftit il-bogħod minnhom kien hemm servient. "Nifrahlek ħafna", – qal wieħed minnhom—"ma setgħux jagħżlu wieħed aħjar minnek għal assistent." L-ieħor iżżihħajr u telaq. Xħin tbiegħed, it-tabib li feraħlu dar fuq is-servient u qallu :—" Fid-dinja kollox bil-qaddisin! Dan li kellimt issa ma jagħrafx tifel minn tifla! Iżda kellu min jaqbeż għalih u laħaq. Paċenzja; " U ftit ilu, qabel ma ġejt int, wieħed servient kien ikellem lid-Direttur: "Sinjur, sħabi se'jitolbu ż-żjieda, iridu jagħmlu *strike*, oqgħodilhom attent. Ħa'mmur għax jarawni... Fil-kas li jinqala' xi ħaġa,ikkmandani Sinjur... Saħħa!" Din hija d-dinja! Ipokrisija biss u xejn aktar! Ipokrita jien, ipokrita int, ipokrita kullħadd! Viva l-ipokrisija. Jekk bniedem jiġi jistaqsik x'jidhirlek minnu u wara li idum jitolbok erba' sigħat biex tgħidlu l-verità u ma tgħidlux li hu twajjeb, ħanin u minn kollox, tarah idur għalik; jekk l-ikraħ mara ssaqsik hijiex sabiħa u int biex ma tiksirhiex tgħidilha li mhux ħażin, taraha tagħmel għalik u tgħajrek minn kollox; jekk xi kittieb jiġi jdejqek għal xi siegħa jaqralek kullma fettillu jħarbex fuq karta u int ma tgħidlux li tħoss qalbek tferfer bl-emozzjoni għal li ġralek igħidlek għajjur u ġidra. Kullħadd irid jisma' li hu ħanin, sabiħ, għaref; kullħadd mita jitolbok tgħidlu l-verità ikun igħidlek: igdeb! Fil-ħajja, biex tilħaq, igdeb, igdeb. Lill-ħażin għidlu twajjeb; lil l-ikrah sabiħ, lill-ħmar għaref; lill-qasir għidlu twil, lil l-oħxon għidlu irqiq, lil min għandu imnieħru mfattar għidlu imnieħru mislut! Agħmel hekk u timxi! Agħmel hekk u kullħadd igħidlek kbir u għaref! Iżda jien ma nagħmilx hekk! Jien nitmellaħ mill-bnedmin tad-dinja kollha, jien inħossni wisq ogħla minnhom. Il-problema kbir ta' ħajti li jien wasalt biex nirsolvi għallimni x'inhuma l-bnedmin, x'in-

huma l-ittri li jġibu warajhom. Taf x'inhuma? Xejn iżjed ħlief daħk fil-wiċċ, ħlief ipokrisija. Għax min huwa kbir tassew m'għandux bżonn ta' ittri wara ismu, min huwa għaref ma jfittex li jogħġob lil ħaddieħor.

Għaliex jien li naf naħseb ma nġibx ittri wara ismi u ħaddieħor li ma jiswiex daqs nofsi, iġib? Dan huwa l-problema! Tajjeb jew ħażin jien nasal biex nirsolvih! Dawk li jġibu l-ittri wara isimhom huma qatta ipokriti li jfittxu li jidħku bil-bnedmin tad-dinja, li jfittxu li jikkuntentaw il-bluha tagħhom. Huma jafu li d-dinja mita taralek salt ittri wara ismek tgħid li int kbir, tgħid li int għaref avolja tkun l-akbar ħmar jew l-akbar ġidra tal-ħolqien kollu; huma jafu b'dan kollu u għax m'għandhomx il-ħila jmorru kontra d-dinja tħabtu kemm felħu biex iwaħħlu dawk l-ittri wrajhom. U jien, jien li m'hinix ipokrita, jien li għandi il-ħila ngħid dak li naħseb u nħoss, m'għandi xejn! Xejn! Dan huwa l-problema tiegħi li għalih jien qiegħed hawn ġew!... X'inhu!... Kif irsolvejtu?!... Ħa, ħa, ħaj!... Għax jien filosfu! Għax sirt filosfu!... Ara ftit, isma' x'kien qalli dak il-qassis li semmejtlek: "biex tkun taf kif tirraġuna, trid tkun taf li kull raġunament hu magħmul minn tliet sentenzi: il-kbira, iż-żgħira u l-egħluq."... Issa ara ftit il-filosofija li tgħallimt kif għenitni nirsolvi l-problema. Is-sentenza l-kbira tiegħi hija din: Iż-żejjed fid-dinja huwa ipokrisija, għax iservi biex jidħak bil-bnedmin u jagħmihom. Is-sentenza ż-żgħira hi: L-ittri wara l-isem ta' dak li jkun huma żejda. Allura... isma' l-konklusjoni... allura dawk li jġibu l-ittri wara isimhom huma qatta ipokriti!... Ħa! ħa! ħaj!... Dan kien il-problema tiegħi!... Evviva! evviva!... Qtajt il-problema tiegħi!... Ħa! ħa, ħaj!... Il-problema...

Żewġ servienti ġew jiġru, qabduh u daħħluh ġewwa.

**Ġużè Bonnici.**

## TAGĦRIF

— Inħallu għal darb'oħra il-bqija tat-*Tqassir għall-Kitba Maltija* ta' Alf. Nicholas.

— Nifirħu bil-qalb lil żewġ membri tal-Kumitat tal-Għaqda tagħna li, da l-aħħar ħadu l-lawrja: is-sur Ġużè Galea il-lawrja ta' Duttur fil-Mediċina u s-sur Rosario Briffa il-lawrja ta' Baċellier fix-Xjenza. Din il-lawrja ta' l-aħħar ħadha wkoll, fl-istess ħin il-kittieb tagħna Ġuże Bonnici. Nifirħulhom il-koll.

# TEFTIF

*Bu-warrat* jew *Bur-marrod?*

Sa ftit ilu kullħadd għalenija kien isejjaħ *Bu-warrat* dik il-wilġa daqs-xejn il-fuq minn San Pawl il-Baħar, fejn igħidu li Pupulju, l-ewwel Isqof ta' Malta, kellu raba' u oqsma kbar. *Bu-warrât* jaħsbu li tfisser *bu-werriet* jew *bin il-werriet.* Kien il-Prof. T. Zammit l-ewwel wieħed li ġih f'rasu jsaqsi l-bdiewa ta' dik in-naħa xi jgħidulu sewwa hemmhekk, u qalulu: "Hawn ingħidulu *Bur-marrod.*"

Ingħid għalija aktar inżomm ma' dawk il-bdiewa inkella ma' li jgħidu l-kotba. U araw il-għala: Il-verb *wiret* jatina l-kelma *werriet.* Billi t *t* mhix enfâtka, il-vokali *â* ta' qabilha ma tibqâx kif'n hi, u anqas ma tista' tikser lejn l-*o*, iżda tmil lejn l-*i* u ssir *ie*; u hekk *warrât* isir *werriet.* Iżda d-*d* tal-verb *marad* hi infâtka u għalhekk l-*a* tagħha ma tinbidelx u la f'*e* u la f'*i*, imma fir-rħula tikser lejn l-*o*; hekk ingħidu *marad*, *marod*, *marrâdi*, *marrôdi.* Mela *Bur-marrôd* hi l-kelma raħlija, il-kelma beltija hi *Bur-marrâd.*

*San Pawl Milqgħi.*

U ladarba qegħdin San Pawl il-Baħar ingħidu kelma waħda fuq l-isem ta' din il-knisja. Kullħadd jaf u jgħid li *milqgħi* tfisser *milqugħ*, għax hemmhekk kien San Pawl milqugħ minn misserijietna. Mela għax ma ngħidux *San Pawl milqugħ?*

Il-verb *laqa* għandu l-aħħar ittra *dgħifa(j)* bħal *beka(j) rema(j)*, iżda fit-tiswir tiegħu jinbidel mal-verbi sħaħ, li għandhom *għ* fl-aħħar, u hekk ingħidu *laqgħet* flok *lqiet* bħal *bkiet* u ngħidu *milqugħ* bħalkieku l-verb kien *laqagħ* mhux *laqa. Laqa* għandu bħala partiċipju *milqi*, bħal *beka*, *mibki*; mela *Milqi*, u mhux *Milqgħi*, huwa l-partiċipju safi tal-verb *laqa* qabel ma tħassar u biddel il-*j* dgħifa f'*għ.* Hekk ukoll ġara lill-verb *baqa* li jatina *hi baqgħet* bħalkieku l-verb kien *baqagħ.* Iżda nbagħad għandna n-nom *bqija*, li fih targa' tidher il-*j* dgħifa.

**Sa'dun.**